## Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' April 2016 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-551/15)** ([1])

***("Rikors għal annullament — FAEG u FAEŻR — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Bidu tad-dekorrenza — Tardività — Inammissibbiltà")***

(2016/C 200/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo, P. Estêvão u J. Saraiva de Almeida, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u J. Guillem Carrau, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1119, tat-22 ta' Ġunju 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 182, p. 39), sa fejn din teskludi ċertu nfiq imġarrab mir-Repubblika Portugiża.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Ir-Repubblika Portugiża għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 389, 23.11.2015.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' April 2016 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-556/15)** ([1])

***("Rikors għal annullament — FAEG u FAEŻR — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Bidu tad-dekorrenza — Tardività — Inammissibbiltà")***

(2016/C 200/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo, P. Estêvão u J. Saraiva de Almeida, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u D. Triantafyllou, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1119, tat-22 ta' Ġunju 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 182, p. 39), sa fejn din teskludi ċertu nfiq imġarrab mir-Repubblika Portugiża.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Ir-Repubblika Portugiża għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

(1) ĠU C 398, 30.11.2015.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Marzu 2016 – Novartis vs UASI – SK Chemicals (Rappreżentazzjoni ta' roqgħa)**

**(Kawża T-592/15)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Revoka tad-deċiżjoni kkontestata — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2016/C 200/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Novartis AG (Basel, l-Isvizzera) (rappreżentant: M. Douglas, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: H. Kunz, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* SK Chemicals GmbH (Eschborn, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Awwissu 2015 (Każ R 2342/2014-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn SK Chemicals GmbH u Novartis AG.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*

2) *L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu stess u kif ukoll dawk sostnuti minn Novartis AG u minn SK Chemicals GmbH.*

---

(1) ĠU C 414, 14.12.2015.